# TALBA LIL OMMI MEJTA

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

Kont f'qalbi bħal kewkba li tiddi
u ddawwal it-triq li quddiemi
mifruxa fid-dlam ta' tfuliti
ridt naqbad bi ħtieġa fil-ħajja.

Kont int li minn idi żammejtni
u wrejtni l-mogħdija, u għallimtni
kif naħrab ir-rokon imwiegħra.

Bħall-ħares it-tajjeb ta' ruħi
rawwimtni fid-din tan-nisrani,
mexxejtni 'l quddiem f'atar ġensi.

Fil-fawra tal-ħrara bla dehen
taċ-ċokon liġġimtni u rażżantni;
fehimtni kif nagħżel bil-għaqal
bejn ħajja ta' frugħa bla fejda
li xxaħxaħ u traqqad sa tmewwet,
u ħajja ta' ħidma bla serħa
li tixgħel u tqajjem sa tkabbar...

Fil-milja ta' żmienek imgħabbar
bid-dwejjaq ta' ġisem immarrad,
bqajt dejjem twissini, twiddibni,
tgħallimni, tqawwili lil qalbi,
tagħtini t-tilqima ta' għerfek
sa l-aħħar taqtira ta' demmek.

U l-kelma fuq fommok lissintha
jew ħelwa bil-għaxqa titfarraġ
b'egħmili minn ħbiebek imfaħħar
bir-reqqa fuq kliemek imsejjes;
jew kiebja mikduda tingħafas
tingħasar bil-ħarsa miksura
xħin nonqos u naħti quddiemek
bi dnubi wild moħħ iż-żgħużija.

U twajba tistabar bit-tama
li nindem u nixgħof fis-siegħa...
U mgħaġġla t-taħbita ta' qalbek

tiddilek fil-leħħa ta' dwalek
għal darba darbtejn f'mistoqsija:
Għax naqset minn ibnek il-ħlewwa
li d-drawwa riditha ba dnewwa?
Għax naqset il-qawwa tas-sewwa
li xtaqtha tissawwar minn ġewwa?

...U toħla fil-baħar tal-hewwa
xħin tara t-taqriq ta' l-egħdewwa
fuq ibnek saflaħħar jissewwa!

* * *

Iss'inti, bħal niesi ta' qablek,
midfuna fis-sikta u fil-kesħa
ta' qabar l-indewwa; fis-sliema
ta' twajba li raqqet fil-ħajja,
li għamlet id-dmir bla ma naqset.

Iss'inti mal-kotra fil-hena
tisseqqer fil-għoli; marbuta
ma' qalbi wisq iżjed minn qabel
bir-rabta li nħoss u le nara,
tar-ruħ le tal-ġisem.... Nitolbok,
għażiża, qaddisa: fuq dinja
ta' nisel imrobbi f'tagħlimek,
bit-tjieba li dejjem żejnitek
fil-ħajja ta' magħna, nitolbok:
bħal xita ta' ward roxxha fuqna
mill-għoli tas-sema fejn qiegħda
il-barka ħanina li fommok
lissnilna fil-waqt li nfridt minna!

Berikna bil-qawwa ta' qalbek,
bis-setgħa tas-Sema li ħabbek,
u ħuf fuq uliedek u wliedna,
berikna bħal omm l-iżjed twajba...

Minn fommna, minn qalbna, minn ruħna,
bħal qabel, hekk issa, għal dejjem,
dit-talba, jekk iżjed bil-ħrara,
nagħmlulek b'dirgħajna miftuħa...

Berikna, għażiża, qaddisa:
Mis-Sema fejn qiegħda jismagħha
l-Mulej dik il-barka u fuq nislek
iroxxha bħal manna mixtieqa...

Fid-dmugħ ta' dal-Wied it-talb tagħna,
inwiegħdu bil-qawwa ta' qalbna
għalik ma jonqosx qatt u qatt!